Kelma tal-Ħajja Gen 4

Frar 2013

# Anke fil-familja, inħobb jien l-ewwel

*"Aħna nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja għax ħabbejna l-ħutna" (1Gw 3,14)*





**L-ewwel insara kienu jaħsbu ħafna f'Ġesù għax Hu kien ta ħajtu għal kulħadd.**

***Jgħidu: "Anke aħna rridu nagħtu ħajjitna għal ħutna". Per eżempju, jekk ikun għaddej wieħed sinjur minn ħdejn fqir u ma jgħinux, kif jista' jkun li dan għandu l-imħabba f'qalbu? Imma l-ewwel insara kienu jħobbu konkretament (1 Ġw, 16-18).***

## Allura anke aħna l-Gen 4 irridu nħobbu bil-fatti, u nibdew fil-familja.



**Magdalene miċ-Ċilì kellha l-laqgħa tal-Gen 4 u vera kienet ferħana. Imma l-mamà tagħha kienet ma tiflaħx u qaltilha: "Minix ċerta jekk jirnexxilix nieħdok għal-laqgħa".**



**Għal mument Magdalene qagħdet fil-kwiet u mbagħad qalet: "Mamà, toqgħodx tinkwieta, int oqgħod strieħ u jiena nieħu ħsieb Bernardette".**



**Wara ftit Magdalene staqsietha jekk kenitx aħjar u jekk setgħetx teħodha għal-laqgħa. "Le għadu ma għaddihliex – qaltilha l-mamà – u jekk ma jgħaddihlix, mhux ser jirnexxili nieħdok". Magdalene malajr weġbitha: "Tinkwieta xejn mamà".**